**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru: 212/2009 MLF**

**Atlas Insurance PCC Limited f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Intercomp Marketing Limited**

**vs**

**B.A.S. Limited, u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza s-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjetajiet attrici li permezz tieghu talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashhom is-somma globali ta' erbat elef, hames mija u tlett Ewro u centezmu (€4,503.01c) in kwantu ghal €4,270.01 lis-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited rapprezentanti hlas ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni in konnessjoni ma' nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghha u spejjez tas-survey relattiv, u €233 lis-socjeta' Intercomp Marketing Limited rapprezentanti l-eccess relattiv, bhala s-socjeta' inkarigata mill-gbir u t-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema merkanzija rimanenti giet ikkonsenjata lil Intercomp Marketing Limited fit-30 ta' Lulju 2008.

Bl-imghax mid-data tal-hlasijiet relattivi [sic] u bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta B.A.S. Limited fejn eccepiet:

i. Illi, preliminarjament l-esponenti m'huwiex il-legittimu kuntradittur u dan in kwantu f'kaz illi jirrizulta li l-atturi effettivament soffrew xi hsara jew telf, tali hsara jew telf giet ikkawzata meta din kienet fil-pussess ta' terzi ossija s-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd li ghandha tigi kjamata in kawza wkoll skond (5) hawn isfel.

ii. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jirrizultax illi l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa waqt li din kienet taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta u fi kwalsiasi kaz is-socjeta' konvenuta ma' kellha ebda tort jew htija ghar-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u ghalhekk l-esponenti m'hijiex responsabbli ghal kwalunkwe hsara jew telf soffert mill-atturi.

iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohrajn, fir-rigward tal-konsenja relattiva japplikaw il-limiti ta' htija a tenur tar-regolamenti tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) u tal-MIFA Standard Terms and Conditions.

iv. Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjetajiet attrici ghad iridu jippruvaw l-ammont reklamat minnhom liema ammont qieghed jigi kontestat.

v. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess fic-cirkostanzi ghandha tigi ikkjamata fil-kawza is-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited li giet inkarigata bil-garr tal-merkanzija mis-socjeta' konvenuta u dan billi huwa importanti u ekonomiku li tigi stabbilita r-responsabbilta' tal-partijiet involuti f'dan il-kaz f'gudizzju wiehed.

vi. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhom xi jaghtu xejn lir-rikorrenti u dan ghaliex it-talba taghhom hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Rat d-digriet tas-16 ta' Dicembru 2009, fejn din il-Qorti diversament preseduta ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited.[1]

4. Rat ir-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited fejn eccepiet:

i. Illi s-socjeta' esponenti, u cioe' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd., ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetajiet attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost il-pretensjonijiet li s-socjeta attrici jew dik konvenuta qatt seta' kellhom fir-rigward tas-socjeta' esponenti llum huma dekaduti ai termini ta' l-Artikolu 32(1)(a) tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap. 836 [recte 486] tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti m'hijiex responsabbli ghall-ebda danni li allegatament soffrew is-socjetajiet attrici stante li s-socjeta' esponenti kkonsenjat il-merkanzija li gie kkonsenjat lilha lid-destinatarju fl-istess stat li rcevietha hi. Ghaldaqstant jekk hemm xi nuqqasijiet fil-merkanzija dan ma sarx meta l-merkanzija kienet taht l-isfera ta' responsabbilta' taghha;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma eccessivi;

v. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe responsabbilta' li tista' tigi mputata lis-socjeta' esponenti hija suggetta ghal-limitazzjonijiet tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap. 836 [recte 486] tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

[1] Ara d-digriet tas-16 ta' Dicembru 2009 a *fol.* 57 tal-process

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici u tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta kjamata in kawza ghazlet li ma tipprezentax nota ta' sottomissjonijiet.

7. Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

8. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Is-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited ordnat ammont ta' merkanzija minghand id-ditta estera Dell Computers Limited[2] u nkarigat lis-socjeta' konvenuta B.A.S. Limited sabiex tiehu hsieb it-trasport ta' din il-merkanzija mill-Olanda lejn Malta[3]. Din il-merkanzija kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited.

ii. Da parti taghha, is-socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' kjamata in kawza Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited sabiex tigbor il-merkanzija in kwistjoni li kienet tikkonsisti f'31 *pallet* minghand id-ditta DHL gewwa l-Olanda u tittrasportaha lejn Malta[4]. Id-ditta DHL kienet tiehu hsieb li tistiva u zzomm il-merkanzija fil-mahzen taghha. Sussegwentement il-merkanzija kienet titpogga fuq pallets mill-impjegati tad-ditta DHL stess li kienu wkoll jiehdu hsieb li jdawru l-istess *pallets* bi plastic iswed u jghabbuhom ghal got-*trailers*.[5]

iii. Is-socjeta' kjamata in kawza baghtet zewg *trailers* vojta biex jghabbu l-merkanzija minghand id-ditta DHL. Wiehed minn dawn it-*trailers* bin-numru TR854 gie mghobbi b'24 *pallet* li hija l-kapacita' massima ta' dawn it-tip ta' *trailers* u ghalhekk kien mimli interament bil-merkanzija tas-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited. Is-7 *pallets* l-ohra tpoggew go *trailer* iehor bin-numru TR 670 u l-konsenja f'dan il-kaz kienet tat-tip *groupage*. Fi stadju tat-tragitt zewg *pallets* li originarjament kienu fuq it-trailer TR

---

[2] Ara l-fatturi immarkati minn Dok BV3 sa Dok BV 5 a *fol.* 21 sa 26 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Ian Wirth a *fol.* 87 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Mario Debono a fol. 96 tal-process u l-*email* datata 23 ta' Lulju 2008 a *fol.* 142 tal-process.
[5] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Mario Debono a *fol.* 121 tal-process u l-affidavit ta' Alexander Mallia a *fol.* 150 tal-process.

670 gew trasferiti ghal fuq trailer iehor tas-socjeta' kjamata in kawza bin-numru TR 606. Fl-24 ta' Lulju 2008 dawn it-tlett *trailers* tghabbew fuq il-vapur Eurocargo Valencia mill-port ta' Genova u waslu Malta fit-28 ta' Lulju 2008.[6]

iv. Meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited, il-plastic l-iswed li jkun imdawwar mal-*pallets* tnehha fil-prezenza tal-burdnar. F'dan l-istadju gew innutati diversi nuqqasijiet li gew indikati fuq id-*Delivery Receipt*.[7] Ghalhekk is-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited ghamlet *claim* mas-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited li da parti taghha kienet inkarigat lil Brian Valenzia bhala *surveyor*. Brian Valenzia hejja rapport datat 17 ta' Novembru 2008 fejn ikkonkluda li l-ammont tal-merkanzija li nstabet nieqsa kienet tammonta ghal €4,203.01. L-ispejjez tas-survey fl-ammont ta' €300 jirrizultaw mill-istess dokument.[8]

v. Is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited laqghet *il-claim* ta' l-assigurata taghha u ikkumpensatha ghad-danni minnha sofferti. Permezz ta' *Subrogation Form* datata 24 ta' Novembru 2008, is-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited issurrogat lis-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited fid-drittijiet kollha taghha.[9] L-excess fl-ammont ta' €233 thallas mis-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Permezz tal-hames eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta eccepiet li s-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited kellha tigi ikkjamata fil-kawza stante li kienet inkarigata bil-garr tal-merkanzija mis-socjeta' konvenuta. Din l-eccezzjoni giet sorvolata stante li b'digriet datat 16 ta' Dicembru 2009, din il-Qorti diversament preseduta ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited.

---

[6] Ara l-affidavit ta' Anthony Zerafa a *fol.* 143 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Paul Caruana a *fol.* 90 tal-process u Dok BV13 a *fol.* 34 tal-process.
[8] Ara r-rapport immarkat BV 1 a *fol.* 18 tal-process.
[9] Ara s-*Subrogation Form* immarkata BV 2 a *fol.* 20 tal-process.

*L-Ewwel Eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta – Legittimu Kuntradittur u L-Ewwel Eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza – Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika*

10. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza ser jigu trattati flimkien stante li huma marbutin ma' xulxin u l-konsiderazzjonijiet li ser isiru f'dan ir-rigward japplikaw ghaz-zewg eccezzjonijiet in ezami.

11. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta issostni li hija mhijiex il-legittimu kuntradittur tat-talbiet attrici u dan stante li f'kaz illi jirrizulta li s-socjetajiet attrici soffrew xi hsara jew telf, din giet ikkawzata meta l-merkanzija *de quo* kienet fil-pussess tas-socjeta' kjamata in kawza. Minn naha l-ohra, is-socjeta' kjamata in kawza tecepixxi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnha u s-socjetajiet attrici. Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq il-fatt illi s-socjeta' kjamata in kawza ikkontrattat mas-socjeta' konvenuta u mhux mas-socjeta' assigurata.

12. Jibda billi jigi osservat illi bil-proceduri odjerni, is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha €4,270.01 rapprezentanti hlasijiet li hija kelha taghmel lis-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited in konnessjoni ma' nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghha u spejjez tas-survey relattiv. Is-socjeta' Intercomp Marketing Limited qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €233 rapprezentanti *excess payment* minnha mhallsa lil Atlas Insurance PCC Limited skond l-istess polza ta' assikurazzjoni.

13. Fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Agency Limited nomine vs Sea Malta Company Limited pro et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[10] fis-17 ta' Novembru 2004 inghad hekk:-

*"Fil-kaz partikolari l-obbligu tas-socjeta` konvenuta tal-garr tal-merkanzija ma kienx jibda biss mill-mument li fih it-trailer tghabba fuq il-vapur izda kien jinvolvi wkoll il-fazi antecedenti ghall-istess taghbija meta t-trailer kien taht il-kura u l-harsien ta' l-operatur portwali taghha u li mieghu hi volontarjament ikkuntrattat. Jekk hi jidhrilha, kif hekk fil-fatt jirrizulta gja mill-atti, li ghandha zzomm dan l-operatur taghha responsabbli ghan-*

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*negligenza tieghu, qua depozitarju tal-kariku, dan tista' taghmlu liberament, imma dan ma jgibx ukoll illi hi skansata minn htija fil-konfront ta' l-importatur tal-merce jew ta' l-assiguratur tieghu. Irrizultat del facere jew del non facere ta' l-operatur gie sew stabbilit. Rizultat li kien kontrattwalment jinteressa ir-relazzjoni interkorrenti bejn is-socjeta` appellanti u l-istess operatur. Rizultat li gab mieghu f' termini rizarcitorji dannu lit-terz li kien estraneu ghal dik l-istess relazzjoni."*

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **George Bonnici et vs Joseph Vella et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2005 inghad hekk:-

"*…l-unika relazzjoni kuntrattwali in konnessjoni mal-garr ta' din il-merkanzija kien il-kuntratt konkjuz bejn is-socjeta` Bortex u s-socjeta` konvenuta. Minn dan il-kuntratt ta' garr jirrizulta l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li ggorr u tikkonsenja l-merkanzija fi stat tajjeb u minghajr nuqqasijiet; kull relazzjoni li l-istess socjeta` konvenuta setghet kellha mas-socjeta` kjamata in kawza huwa ghalhekk res inter alios acta li bl-ebda mod ma jbiddel jew jhassar l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li jirrizulta kemm mir-regoli generali ta' l-obbligazzjonijiet kif insibuhom fil-ligi nostrana kif ukoll mir-regolamenti maghrufa bhala CMR Rules li, bi ftehim bejn il-kontraenti, kellhom jirregolaw dan il-kuntratt.*"

15. Applikati dawn l-insenjamenti ghal kaz odjern, il-Qorti tqis li huwa car li l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li mhijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici hija legalment u fattwalment infondata. Mill-provi prodotti jirrizulta inkontestat li s-socjeta' konvenuta kienet giet inkarigata minn Intercomp Marketing Limited sabiex titrasporta merkanzija mill-Olanda lejn Malta. L-inkarigu mis-socjeta' assigurata kien moghti direttament u esklussivament lis-socjeta' konvenuta u l-kuntratt tat-trasport gie finalizzat bejn dawn iz-zewg partijiet. B'hekk inholqot relazzjoni guridika diretta bejn is-socjeta' assigurata u s-socjeta' konvenuta.

16. Il-fatt li s-socjeta' konvenuta inkarigat lil terzi (inkluz lis-socjeta' kjamata in kawza) sabiex tesegwixxi dan l-inkarigu, ma jezimix lis-socjeta' konvenuta mir-responsabilita' li hija ghandha fil-konfront tas-socjetajiet attrici. L-obbligu li torganizza t-trasport gie assunt direttament mis-socjeta' konvenuta u kienet is-socjeta' konvenuta li ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji ghat-trasport ta' din il-merkanzija. Fil-mument tal-kontrattazzjoni twieldet relazzjoni guridika bejn is-socjeta' assigurata u s-socjeta'

konvenuta, liema relazzjoni ma tinhallx bil-fatt li l-istess socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta kjamata in kawza sabiex iggorr il-merkanzija. Ghalhekk huwa car li s-socjeta' konvenuta ghandha rapport guridiku dirett mas-socjetajiet attrici u konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ser tigi michuda.

17. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza jigi osservat li mill-atti processwali jirrizulta b'mod evidenti li kienet is-socjeta konvenuta u mhux is-socjeta' assigurata li tat l-inkarigu lis-socjeta kjamata in kawza sabiex iggorr il-merkanzija mill-Olanda lejn Malta. Dan il-fatt iwassal ghal holqien ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' kjamata in kawza li madankollu hija *res inter alios acta* ghas-socjetajiet attrici. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza ser tigi milqugha u konsegwentement is-socjeta' kjamata in kawza ser tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. In vista ta' dan, din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-ecezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' kjamata in kawza.

*Il-Mertu*

18. It-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ser jigu trattati flimkien stante li kollha jirrigwardaw il-mertu tal-vertenza odjerna.

19. Il-Qorti tibda billi tosserva illi Mario Debono, *Deputy General Manager* tas-socjeta' konvenuta, xehed li bi ftehim bejn il-partijiet l-garr mertu tal-kawza kien regolat mill-*Convention on the Contract for International Goods by Road* (CMR),[11] li tinsab inkorporata fil-Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi li: "*For the purposes of this convention the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own*".

[11] Ara x-xhieda ta' Mario Debono a *fol.* 96 tal-process.

20. Fil-kaz odjern is-socjeta' konvenuta hija t-trasportatur u ghalhekk hija kienet responsabbli ghat-tragitt kollu tal-merkanzija minghand il-fornitur sa Malta, inkluz meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess tas-socjeta' kjamata in kawza. Ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta tissussisti indipendentement mill-fatt illi hija inkarigat lis-socjeta' kjamata in kawza sabiex tigbor u ggor il-merkanzija lejn Malta.

21. Ir-responsabilita' tat-trasportatur temergi wkoll mill-Artikolu 17 tal-istess Konvenzjoni li fl-ewwel tlett sub-incizi tieghu jipprovdi hekk*:*

    1. *The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

    2. *The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

    3. *The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter.*

22. L-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni imbaghad jipprovdi li "*The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."*

23. Permezz tat-tielet eccezzjoni taghha, s-socjeta' konvenuta eccepiet li fir-rigward tal-konsenja relattiva japplikaw il-limiti ta' htija a tenur tar-regolamenti tal-Konvenzjoni. Dawn il-limitazzjoni kif disposti fl-Artikolu 17 jehilsu lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilta' jekk it-telf jew il-hsara ikunu kkawzati mill-ghemil jew negligenza tas-socjeta' assigurata, minn difetti inerenti tal-merkanzija jew b'konsegwenza ta' cirkostanzi li t-trasportatur ma setax jevita jew jipprevjeni. Ai termini tal-Artikolu 18, l-oneru li jipprova c-cirkostanzi previsti fl-Artikolu 17 jinkombi fuq it-trasportatur.

24. Fis-sentenza gja citata fl-ismijiet **George Bonnici et vs Joseph Vella et,** il-Qorti tal-Appell wara li ghamlet referenza ghad-diversi artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni spjegat illi:-

"*…Il-grad ta' attenzjoni li hu rikjest mill-"carrier" dwar il-kustodja u l-hars tal-hwejjeg fdati lilu, huma ekwiparati, skond l-Artikolu 1628 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal dawk ta' depozitarju. Bhala regola generali d-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu hsieb fil-kustodja ta' hwejgu. Izda meta d-depozitarju jkun ftiehem li ghandu jithallas ghall-kustodja tad-depozitu id-diligenza ta' bonus pater familias rikjesta fl-Artikolu 1132(1) tal-Kap 16 ghandha tigi applikata b'mod aktar sever*."

25. Mill-atti processwali ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta ressqet provi f'dan ir-rigward. Il-provi prodotti mis-socjeta' konvenuta kienu limitati ghax-xhieda ta' zewg rapprezentanti taghha, u cioe' Mario Debono u Raymond Borg, li t-tnejn ikkonfermaw li kienet is-socjeta' konvenuta li inkarigat kemm lid-ditta DHL u kif ukoll lis-socjeta' kjamata in kawza sabiex jezegwixxu parti kull wiehed mill-garr. Dawn ix-xhieda bl-ebda mod ma spjegaw x'kienu c-cirkostanzi imprevedibbli jew inevitabbli li waslu ghat-telf tal-merkanzija u minflok tefghu il-htija fuq is-socjeta' kjamata in kawza. F'dan ir-rigward Mario Debono xehed li, apparti t-telf mertu tal-kawza odjerna, kien hemm diversi kazijiet ohra fejn kienet involuta s-socjeta' kjamata in kawza fejn il-merkanzija intilfet. Kien ghalhekk li dan ix-xhud u rapprezentant tas-socjeta' assigurata marru l-Olanda fil-mahzen tad-ditta DHL sabiex jivverifikaw il-proceduri wzati hemmhekk u ftehmu dwar sistema biex isir aktar verifikar. Qal li wara xi zmien dan it-telf rega' beda jivverifika ruhu u kien ghalhekk li s-socjeta' konvenuta ddecidiet li ma tibqax tuza s-servizzi tas-socjeta' kjamata in kawza.[12]

26. Il-Qorti tqis li s-socjeta' konvenuta kienet is-socjeta' responsabbli ghal dan il-garr u f'dan l-inkarigu hija ma wzatx id-diligenza mistennija minnha billi naqset milli effettivament tiehu dawk il-mizuri biex tevita ripetizzjoni ta' problemi li kienu ilhom jivverifikaw ruhhom b'mod kostanti. Mill-atti jirrizulta li ma kien hemm xejn imprevedibbli u

[12] Ara x-xhieda ta' Mario Debono a *fol.* 96 tal-process.

inevitabbli li seta' wassal ghat-telf mertu ta' din il-kawza. Ghal kuntrarju dak li jirrizulta huwa li kien hemm nuqqas serju da parti tas-socjeta' konvenuta li taccerta ruhha li l-proceduri implimentati mit-terzi nkarigati minnha biex jezegwixxu l-garr jitwettaq bl-ahjar mod.

27. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 29(1) tal-Konvenzjoni li jipprovdi hekk:

> "*1. The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his willful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seized of the case, is considered as equivalent to willful misconduct.*
>
> *2. The same provision shall apply if the willful misconduct or default is committed by the agents or servants of the carrier or by other persons of whose service he makes use of for the performance of the carriage when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment. Furthermore, in such a case such agents, servants or other persons shall not be entitled to avail themselves, with regard to their personal liability, of the provisions of this chapter referred to in paragraph 1.*".

28. Il-fatt li dan it-telf jew serq kien qieghed isehh b'mod ripetut kien jimponi fuq is-socjeta' konvenuta oneru akbar sabiex taccerta li tali serq ma jibqax isehh u b'hekk tissalvagwardja l-merkanzija li kienet inkarigata biex titrasporta. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma tistax tibbenefika mill-limitazzjonijiet ta' responsabilita' stipulati fil-Konvenzjoni u invece ghandha taghmel tajjeb ghad-danni reklamati mis-socjetajiet attrici. Konsegwentement it-tieni, it-tielet u s-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ser jigu michuda.

29. Permezz tar-raba' eccezzjoni taghha, s-socjeta' konvenuta ikkontestat l-ammont pretiz mis-socjetajiet attrici u eccepiet li dan l-ammont ghandu jigi ppruvat mis-socjetajiet attrici. F'dan ir-rigward s-socjetajiet attrici esebew is-*subrogation form* minn fejn jirrizulta li s-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited kienet hallset lis-socjeta' Intercomp Marketing Limited is-somma ta' €3,970.01. In oltre, gie esebit ukoll *survey report* minn fejn jirrizulta li l-ispejjez ta' dan is-survey jammontaw ghal €300 u li s-socjeta' attrici

Intercomp Marketing Limited hallset is-somma ta' €233 bhala *excess payment*.[13] Mill-atti ma jirrizultax li dawn l-ammonti gew kontradetti bi provi kuntrarji u ghalhekk l-ammont pretiz jirrizulta sodisfacentement ippruvat. Ghalhekk anke din ir-raba' eccezzjoni ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

30. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghdha:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza u konsegwentement tillibera lill-kjamata in kawza Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju. In vista ta' dan, il-Qorti qeghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' kjamata in kawza;

2. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta B.A.S. Limited;

3. Tichad it-tieni, it-tielet ir-raba' u s-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta B.A.S. Limited;

4. Konsegwentement, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta B.A.S. Limited thallas lis-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' erbat elef mitejn u sebghin Euro u centezmu (€4,270.01), bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

5. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta B.A.S. Limited thallas lis-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (€233), bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv;

[13] Ara s-*Subrogation Form* immarkata BV 2 a *fol.* 20 tal-process u s-*survey report* immarkat BV1 a *fol.* 18 tal-process.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tas-socjeta kjamata in kawza, ghandhom jigu subiti mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**